**RINELLA TENNIS CLUB**

# L-ISTATUT

## 1. L-ISEM U DETTALJI OĦRA:

**1.1** L-isem tal-Klabb għandu jkun 'RINELLA TENNIS CLUB'; fil-qosor 'RTC'.

**1.2** L-Indirizz tal-Klabb huwa: Rinella Bay, Kalkara KKR 1231 jew kwalunkwe indirizz ieħor hekk kif ikun stipulat mill-Kumitat minn żmien għal żmien.

**1.3** Il-Klabb hu organizzazzjoni volontarja li għandha l-għan li ma tagħmilx profitt u tkun awtonoma, hekk kif imfisser fl-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Kap. 492 tal-Liġijiet ta' Malta)

**1.4** Il-Klabb ġie mwaqqaf fis-6 ta' Ġunju 1990.

## 2. L-GĦANIJIET:

L-għanijiet tal-Klabb għandhom ikunu dawn:

i. biex jippromovi l-logħba tat-tennis;
ii. biex jorganizza kompetizzjonijiet għall-membri tal-Klabb
iii. biex jgħallem u jħarreġ lill-membri interessati fil-logħba tat-tennis; u
iv. biex jorganizza attivitajiet soċjali għall-membri tal-Klabb.

## 3. IL-LINGWA:

Il-Malti għandu jkun il-lingwa li l-Klabb juża sabiex jikkomunika mal-membri. L-Ingliż għandu jintuża biss meta jkun hemm bżonn.

## 4. IS-SĦUBIJA:

Is-sħubija fil-Klabb hija miftuħa għal dawk kollha li huma interessati fil-logħba tat-tennis. Madankollu il-Kumitat għandu dritt li jaċċetta jew jirrifjuta sħubija ta' kull applikant kif ukoll li jieħu passi dixxiplinarji kontra kull membru tal-Klabb. Membru jkun membru sħiħ u jkollu dritt għall-vot wara li jkun għalaq is-sittax (16)-il sena. Il-ħlas tas-sħubija għandu jkun dak iffissat minn żmien għal żmien mill-Kumitat.

5. **IL-KOMPOŻIZZJONI TAL-KUMITAT:**
Il-Kumitat għandu jkun kompost minn mhux aktar minn disa' (9) membri li ħamsa (5) minnhom ikunu uffiċjali kif ġej: President, Viċi President, Segretarju, Teżorier u PRO. L-erba' membri l-oħra għandhom ikunu maħtura kull sena (1) matul il-Laqgħa Ġenerali. Il-ħames (5) uffiċjali maħtura jkunu jirrappreżentaw l-Eżekuttiv tal-Kumitat uffiċjali. Il-Kumitat għandu jkun maħtur kull sena. Applikazzjonijet għall-ħatra ta' membru fil-Kumitat jintlaqgħu biss minn dawk il-membri li għalqu t-tmintax (18)-il sena, li ilhom membri tal-Klabb għal tal-anqas sena mid-data tal-Laqgħa Ġenerali u li m'humiex involuti f'kumitati ta' tennis fi klabbs oħrajn.

Il-Laqgħa Ġenerali għandha tinżamm fl-ewwel xahrejn ta' kull sena. F'każ ta' riżenja jew tneħħija ta' xi uffiċjal mill-Kumitat, għandha tissejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja biex jiġi mimli l-post vakant. Fil-każ li r-riżenja tkun minn membru, il-Kumitat għandu d-dritt li jagħmel co-option. Il-Kumitat għandu dritt li jaħtar assistenti uffiċjali minn fost il-membri tal-Kumitat u jista' jaħtar ukoll membri li jidhirlu meħtieġa biex jassistu lill-istess Kumitat f'xi sotto-kumitat jew bħala membru co-opted fuq il-Kumitat.

6. **IL-LAQGĦAT TAL-KUMITAT:**
Il-Kumitat tal-Klabb għandu jiltaqa' mill-inqas darba kull xahar. Membru tal-Kumitat li ma jattendix tliet (3) darbiet għal-laqgħat tal-Kumitat mingħajr ma javża u mingħajr raġuni valida awtomatikament jispiċċa minn membru tal-Kumitat.

7. **IL-VOTAZZJONI FIL-KUMITAT:**
Id-deċiżjonijiet fil-Kumitat jgħaddu b'maġġoranza ta' ħamsin fil-mija (50%) u wieħed (1) b'turija tal-idejn. Il-vot għandu jkun sigriet, jekk għall-inqas jiġi mitlub minn membru wieħed. Min ikun imexxi l-laqgħa għandu jkollu dritt biss għall-casting vote.

8. **IL-QUORUM GĦAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT:**
Il-quorum għandu jkun ta' ħamsin fil-mija (50%) u wieħed (1). Jekk ma jkunx hemm quorum, il-laqgħa tibda nofs siegħa (30 minuta) wara l-ħin stabbilit għal-laqgħa bil-membri preżenti.

9. **IL-LAQGĦAT ĠENERALI:**

Il-Laqgħa Ġenerali għandha tinżamm kull sena, bl-aġenda kif ġej:

i) Qari tal-minuti tal-aħħar Laqgħa Ġenerali
ii) Rapport Amministrattiv
iii) Rapport Finanzjarju
iv) Ħatra ta' Chairman għal-Laqgħa
v) Elezzjoni tal-Kumitat
vi) Ħatra ta' żewġ awdituri
vii) Emendi għall-istatut/mozzjonijiet
viii) Affarijiet oħra
ix) Diskors tal-President

Il-kontijiet tal-Klabb, li għandhom ikopru l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena, għandhom ikunu ċertifikati minn żewġ awdituri.

Laqgħa Ġenerali Straordinarja għandha tinżamm jekk tkun mitluba mill-Kumitat jew inkella minn mhux inqas minn tletin fil-mija (30%) tal-membri mħallsa.

10. **L-EMENDI GĦALL-ISTATUT**

L-istatut jista' jiġi emendat minn mhux inqas minn tnejn minn tlieta (2/3) tal-maġġoranza tal-membri mħallsa li jkunu preżenti fil-Laqgħa Ġenerali.

11. **L-INTERPRETAZZJONI:**

L-interpretazzjoni ta' dan l-Istatut għandha tkun biss prerogattiva tal-Kumitat.

12. **XOLJIMENT:**

Jekk f'xi żmien fil-futur il-Klabb ikun ser jiġi xolt, l-assi tal-Klabb għandhom jingħataw lil xi għaqda tal-karità f'Malta.

**TMIEM**